Convenzione dei diritti nel Mediterraneo
Convention des droits en Méditerranée
اتفاقية الحقوق في البحر الأبيض المتوسط

# Id-Dikjarazzjoni taż-Żgħażagħ għall-Paċi fil-Mediterran

Aħna ż-żgħażagħ li ngħixu, naħdmu u nistudjaw fuq l-erbat ixtut tal-baħar Mediterran. Ninsabu mħassba għaliex ir-reġjun tagħna; li storikament kien il-benniena ta' diversi ċiviliżżazzjonijiet daqskemm post għal skambju kulturali, jinsab imħassar minn kunflitti u nuqqas ta' stabbiltà.

It-tħassib tagħna jikber meta naraw il-ġlied, il- vjolenza u t-taqlib politiku kontinwu li jaħkem ir-reġjun tal-Mediterran. Aħna qegħdin naraw komunitajiet jispiċċaw fix-xejn, ħajjiet jintilfu u l-ġejjien jitkisser biċ-ċiklu ta' kunflitti li ma jieqfu qatt.

Ninsabu mħassbin ħafna meta naraw; familji sħaħ jinħarġu minn djarhom,  gruppi etniċi mbeżżgħa minn persekuzzjonijiet, qerda fl- infrastruttura, u t-tnaqqir ta' drittijiet umani bażiċi.

Jum wara jum, is-sitwazzjoni qed tmur għall-agħar minħabba differenzi li qed jeskalaw u li qed iwasslu għal żieda fil-kunflitti u fil-vjolenza. Dawn qegħdin joħolqu theddida serja għas-sigurta u l-paċi fir-reġjun tal-Mediterran.

Iltqajna, fil-qafas tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet fil-Mediterran, biex niddiskutu dwar dawn il-problemi, inwiegħbu għall-istedina tar-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti 2250 "Żgħażagħ, Paċi, Sigurta" biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ għall-promozzjoni tal-paċi. Ħsibna li t-theddid għall-paċi fil-Mediterran joriġina minn bosta fatturi:

1. **Okkupazzjoni, Instabbilta' Politika u Korruzzjoni**: Ir-reġjun isofri minn instabbilta' politika kontinwa, immexxijja minn kunflitti interni, reġimi awtoritarji, u interventi minn pajjiżi 'l barra mil- Mediterrani. Din l-instabbilta' ddgħajjef l-isforzi għall-paċi u tfixkel l-istabbilta' ta' governanza demokratika.

   Punti:

   a. Il-kompetizzjoni fost in-nazzjonijiet għall-kontroll territorjali.
   b. Hekk kif il-governanza tiddgħajjef f'pajjiżna, setgħat oħra jikbru u jheddu l-ħajja umana.
   c. Rivalitajiet ġeopolitiċi fost l-istati fir-reġjun, aggravati minn interessi ekonomiċi u strategiji politiċi diverġenti.
   d. Tensjonijiet politiċi bejn pajjiżi li jirriżultaw f'kunflitti fuq it-territorju, riżorsi u/jew influwenza ġeopolitika. Din il-kwistjoni hija aggravata minn governanza dgħajfa u n-nuqqas ta' istituzzjonijiet effettivi, li jirriżultaw f'żieda ta' sfidi rigward id-demokrazija u l-istabbilta' politika.
   e. L-użu ta' skemi bħall-benefiċċji soċjali mogħtija lil persuni li mhumiex intitolati għal dawn il-benefiċċji bl-intenzjoni ta' gwadann politiku.

2. **Nuqqas ta’ Riżorsi**: il-kompetizzjoni għal riżorsi skarsi bħall-ilma, l-enerġija, u l-art agrikola tiggrava t-tensjonijiet fost in-nazzjonijiet Mediterranji. It-tibdil fil-klima jsaħħaħ dawn l-isfidi, u jwassal għal tħarbit ambjentali u nuqqas ta’ sigurta’ fl-ikel.

3. **Diviżjonijiet Etniċi u Reliġjużi**: Diviżjonijiet etniċi u reliġjużi profondi jikkontribwixxu għall-vjolenza bejn gruppi etniċi u l-frammentazzjoni soċjali. Dawn id-diviżjonijiet spiss jiġu sfruttati minn gruppi estremisti li jfittxu li jxerrdu l-firda u jipperpetwaw il-kunflitt.

Punti:

f. It-tfittxija tal-gruppi etniċi għall-kontroll territorjali.
g. Diskriminazzjoni kontra gruppi ta’ minoritajiet reliġjużi f’ċertu pajjiżi fir-reġjun tal-Mediterran.

4. **Vjolenza, Terroriżmu u t-tqassim tal-Armi**: it-tqassim u t-traffikar tal-armi fir-reġjun jiggrava l-vjolenza u jtawwal il-kunflitti. Il-flus li jiġi minn armi mhux regolariżżati, jaggrava t-tensjonijiet eżistenti u jdgħajjef l-isforzi għad-disarmament u l- ħidma għall- paċi.

Punti:

h. Theddid mit-terroriżmu u l-estremiżmu, imsaħħaħ bit-tixrid tal-armi li fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta f’żieda fil-kriminalita’ u l-vjolenza.
i. It-tixrid tal-armi u n-nuqqas ta’ mekkaniżmi effettivi għad-diżarmament u l-mobiliżżazzjoni ta’ ġellieda waqt il-kunflitti.
j. L-estremisti u t-terroristi jisfruttaw id-diviżjonijiet u l-frustrazzjonijiet bejn gruppi etniċi biex ixerrdu t-terrur u jżidu l-appoġġ.

5. **Nuqqas ta’ Djalogu u Kooperazzjoni**: in-nuqqas ta’ djalogu u kooperazzjoni fost in-nazzjonijiet Mediterranji jnaqqas il-fiduċja bejn in-nazzjonijiet u jżid l-animożita’ bejn id-differenzi kulturali. Id-diplomazija tibqa’ mhux użata biżżejjed. Dan ifixkel l-opportunitajiet għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

6. **Sfidi Ekonomiċi**: Disparitajiet ekonomiċi bejn il-pajjiżi tal- Mediterran li jwassal għal żvilupp inugwali u kriżijiet ekonomiċi. Din hija sfida serja li qed tiżdied b’ perċentwali għola ta’ qgħad li tirriżulta f’ inugwaljanzi soċjoekonomiċi li jkabbru l-frustrazzjoni u l-instabbilta’ soċjali f’ħafna komunitajiet.

7. **Iż-żieda ta’ Refuġjati**: Żieda ta’ refuġjati kawża tal- kunflitti bejn pajjiżi differenti.

8. **It-tħaddim tat-tfal**: l-isfruttament tat- tfal huwa ksur tad-drittijiet umani li ma jiġux abbużati t-tfal u li ma ssirx skjavitu’.

9. **Rikrutaġġ tat-tfal għall-gwerra**: Ir-reġjun tal-Mediterran qed jixhed l-akbar proċess ta’ rikrutaġġ ta’ tfal f’kunflitti armati. Dan jikkostitwixxi għall- ksur flagranti tad-drittijiet tat-tfal meta dawn għandhom jiġu protetti u jingħataw edukazzjoni.

10. **Il-liberta' tal-Kelma**: Kulħadd għandu jkollu l-liberta' li jesprimi t-tħassib u l-opinjonijiet tiegħu mingħajr il-biża' ta' konsegwenzi. Aħna sfortunatament inkwetati dwar il-ġurnalisti li qed jiffaċċjaw periklu għall-ħajjithom minħabba l-qadi ta' dmirhom. Dan jirrappreżenta ksur ċar tad-dritt għal-liberta' tal-espressjoni u l-ħsieb.

11. **It-Traffikar Sesswali**: It-traffikar sesswali għadu realta' għal nisa u rġiel żgħażagħ li qed jiġu sfruttati għall-industrija tas-sess.

Aħna li naffaċċjaw dawn il-problemi ser infittxu li ninvolvu ruħna f'pajjiżna biex nindirizzawhom.Fl-istess ħin, nappellaw lil-pajjiżi tad-dinja kollha biex immedjatament jadottaw il-miżuri li ġejjin:

1. **Jittwaqqfu l-ostilitajiet**: Nappellaw għall-waqfien immedjat tal-ostilitajiet f'żoni affetwati mill-kunflitt fil-Mediterran billi jingħata aċċess umanitarju u tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn.

2. **Djalogu Politiku u Medjazzjoni**: Nappellaw lil kulħadd li huwa involut fil-kunflitti biex jipparteċipa fi djalogu politiku inklussiv u ssir medjazzjoni immirata biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-kunflitt.

3. **Promozzjoni tal-Involviment taż-Żgħażagħ**: Nappellaw għall-parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ fil-ħidma għall-paċi, fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u fl- inizjattivi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti. Iż-żgħażagħ mhumiex biss il-futur imma wkoll aġenti ewlenin tal-bidla fil-bini ta' Mediterran paċifiku.

4. **Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli**: Aħna nenfasiżżaw l-importanza tal-investiment f'inizzjattivi ta' żvilupp sostenibbli li jindirizzaw inugwaljanzi soċjoekonomiċi, jippromwovu tkabbir inklussiv, u jnaqqsu r-riskji ambjentali. L-iżvilupp sostenibbli huwa essenzjali biex tiġi mkabbra l-istabbilta' u r-reżiljenza fir-reġjun.

5. **Kooperazzjoni Reġjonali Msaħħa**: Nappellaw għal mekkaniżmi msaħħa ta' koopeazzjoni reġjonali li jkabbru l-fiduċja, id-djalogu u l-kollaborazzjoni fost in-nazzjonijiet Mediterranji. Permezz ta' sforzi konġunti, nistgħu nindirizzaw l-isfidi komuni u nippromwovu l-paċi u l-prosperita' għal kulħadd. Għandhom jiġu organizzati programmi biex titjieb l-interazzjoni interkulturali mar-reġjun Mediterranju u mad-dinja.

6. **Diżarmament u Kontroll tal-Armi**: Nappellaw għal sforzi msaħħa lejn id-diżarmament, il-kontroll tal-armi u miżuri ta' non-proliferazzjoni fir-reġjun Mediterranju. It-tnaqqis tal-flus għal armi se jnaqqas il-vjolenza u joħloq ambjent li jiffaċilita l-bini tal-paċi.

7. **Żvilupp Ekonomiku:** Inċentivi fl-investiment tal-infrastruttura, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa biex jippromwovu tkabbir ekonomiku inklussiv.

8. **Promozzjoni tad-Drittijiet Umani**: Nappellaw għall protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet tal-minoritajiet u tat-tfal. Nappellaw ukoll għat-tisħiħ tal-liġijiet u l-mekkaniżmi ta' infurzar biex jiġi miġġieled ix-xogħol sfurzat, illi jingħata appoġġ għall-vittmi u titqajjem kuxjenza biex jiġi evitat dan it-tip ta' sfruttament. Nappellaw ukoll fit-tisħiħ tal-qafas

legali biex jipproteġi l-liberta' tal-istampa.

9. **Tagħlim dwar integrazzjoni soċjali;** Tgħalim kemm għall-immigranti/refuġjati kif ukoll għaċ-ċittadini tal-pajjiż biex tiġi miġġieleda id-diskriminazzjoni u biex tiġi promossa l-koeżjoni soċjali.

B'konklużjoni, aħna, żgħażagħ mill-Mediterran, nistgħu ningħaqdu fl-impenn tagħna għal-paċi, is-solidarjeta' u l-kooperazzjoni. Nippromwovu t-trasparenza u r-responsabbilta' fill-kummerċ tal-armi. Soluzzjonijiet oħra bħal ; riforma fil-korp tal-pulizija, inkluż t-taħriġ dwar tattiċi ta' de-eskalazzjoni, flimkien mal-promozzjoni ta' inizjattivi mill- puluzija tal-komunita' biex tinbena l-fiduċja bejn l-infurzar tal-liġi u l-komunitajiet emarġinati. B' hekk jitnaqqas il- preġudizzju.